# L-AHHAR POEZIJI TA' RUZAR BRIFFA

*Ta'* Ġużè' Diacono

META Rużar Briffa kien ġabar il-poeżiji tiegħu fi ktieb fl-1960, kien talabni nfisser il-fehmiet tiegħi dwarhom fil-paġna ta' kritika letterarja li jiena nxandar ta' kull ġimgħa fil-Berqa. Aċċettajt b'ħerqa, imma ħadt ftit taż-żmien. Kont xi ftit imħabbat, l-affarijiet minni neħodhom bil-mod, u ridt anki naqra sewwa u bir-reqqa kull paġna ta' dak il-volum irqiq, qabel naqbad nikteb dwar il-lirika delikata, mimlija ġmiel ta' ħsieb u kelma, ħalliema, xewqana, kemmxejn ċinika, diżilluża, fejn tilmaħ bħalkieku f'mera l-awtobijografija psikoloġika ta' Rużar Briffa.

Għadda ftit taż-żmien ġmielu, imma sa fl-aħħar l-istudju tiegħi deher. Ftit jiem wara, kif kont għaddej min-nofs l-immwejjed tal-Cafè Premier, niltaqa' ma' Rużar u martu Louisette. Dlonk ġie fuqi, u qalli kemm kien għoġbu dak li jiena kont ktibt. "Isma'," qalli, nistqarrlek li għall-ewwel ħsibt li kont tgħaddini biż-żmien, Ġuż, imma issa qed nara għaliex domt—qrajt kollox u fhimtni. Grazzi..."

Tabilħaqq, jiena kont ikkommentajt il-lirika ta' Rużar Briffa mhux biss għal dik li hi arti lirika, imma anki għal dik li hi ispirazzjoni, il-ħsus li ferrħuh jew għafsulu qalbu, u nebbħulu nixxiegħa rqiqa imma safja u bnina, ta' versi mħassba, mimlija mrar u niket, u waslu biex sikktuh għalkollox, imma mbagħad mat-tieni żwieġ tiegħu, għamluh żagħżugħ mill-ġdid, żagħżugħ ferrieħi, li ma riedx jaf bi dwejjaq...

Issa, ftit jiem wara mewtu, is-Sinjura Briffa tatni l-manoskritti li Rużar ħalla — poeżiji, jew biċċiet ta' poeżiji, x'uħud minnhom bla titlu, oħrajn mhux ħlief abbozzi ta' l-ewwel ispirazzjoni fejn jidher li għad jonqos l-irfinar, maħżużin fuq bċejjeċ ta' karta li l-poeta kien isib f'butu dak il-waqt—fuq folji min-*note-books*, fuq id-dahar ta' manifesti, ta' mediċinali, saħansittra fuq biċċa kartuna... miktubin aktarx fuq xi bank tal-Barrakka ta' Fuq. Rużar kien imur id-dar, u jgħid lil martu, "Ara, Lu, ktibt din il-lum," u jagħtiha f'idejha tentufa karta...

Hagà li laqtitni f'dawn l-aħħar versi ta' Rużar Briffa hija dik li ħafna minnhom nebbħithomlu l-Barrakka ta' Fuq, jekk anzi

ma kitibhomx kollha hemm, b'xi eċċezzjoni forsi ta' xi ħaġa li sata' kiteb fuq xi mejda tal-Cafè Premier. Kien minn dejjem magħmul għalih waħdu, bniedem kiebi, bilkemm jilmħek jekk tiltaqa' miegħu, u minn bosta snin 'il hawn, hemm kont issibu, jekk mhux l-Isptar jew fil-klinika—waħdu, l-aktar l-aktar ma' martu, jew il-Barrakka ta' Fuq, jew xi mejda iżolata l-Cafè Premier.

Kienet il-Barrakka ta' Fuq, anzi, biex inkun aktar preċiż, dik il-funtana ta' ebda ġmiel, komuni, li hemm f'nofsha, li nebbħitlu dik li kellha tkun l-aħħar lirika tiegħu, "Il-Ballatella tal-Funtana"—versi l-ġmiel tagħhom, leħen ġwejjed, sieber, li jiftakar, u, minkejja kollox, għadu jitħallem u jittama. Leħen il-qniepen, "minn fomm il-għajn jirtogħod", jixxennaq fidi ġdida—niehed bla sabar :

*Ma l-lum minn ġo l-Funtana
Mill-ġdid il-Liturġija.—

kienet l-aħħar għajta ta' Rużar Briffa, għajta ta' bniedem li sama' l-qniepen isejħu, nesa r-rewixta ta' l-imgħoddi, u f'sottomissjoni trijonfanti ntelaq f'dirgħajn Kristu.

Xegħlet fih it-tama moħbija wara kull xewqa, għadilli sa l-aħħar Rużar baqa' jħoss l-għafsa u l-inkejja tal-imgħoddi, il-kidda tal-ħolm li ma seħħx. Bla data, imma mhux wisq qabel miet, kiteb għaxar linji, mhux aktar, fejn semma' forsi l-aktar għajta muġugħa, miksura, tal-versi kollha tiegħu, l-aħħar ilfiqa f'ħajja li tatu ħlewwa, imma siltitlu wkoll — minn minna ma daqux !—ħafna dmugħ mielaħ :

*Minn kulma ħlomt f'żgħoriti—
Infittex—kollox baħħ.
Il-qalb xiħa u għajjiena
Ma tafx itgħid ħlief "aħħ".
Li ħlomt kien kollu ħolma,
Li għext kien ħajja biss.
Ah, kieku t-tnejn ingħaqdu,
Il-qamar kont immiss.
Issa qasira l-ħajja
U l-ħolm duħħan itir*

Hekk jispiċċaw dawn l-għaxar linji għajjiena, kif tarawhom hawn, bla punt jew puntini. Kull vers tnehida, kull ħsieb ilfiqa,

*Ara paġna 43

kull għajta weġġħa. Kollox kien frugħa, baħħ, u issa kollox mitmum. Forsi anqas dawn il-versi ma huma mitmuma, *forsi Rużar* hekk ried iħallihom. Wara kollox, issa xjieħ, mhux *fis-snin, imma fit-tiġrib*, fil-qtugħ ta' qalb; issa ma fadallux żmien joħlom u jittama, issa ftit baqa', issa jiesu maqtugħ minn din il-ħajja, "issa qasira l-ħajja u l-ħolm duħħan itir"...

Il-marda kiefra li kienet tressqu lejn qabru, kienet sejra toftmu mill-ideal, il-missjoni tiegħu ta' tabib, mill-egħżież tiegħu l-lebbrużi, dawk li tant ħass għalihom, meta sab ruħu f'nofshom fl-Indja, u kiteb—

*u demmi kesaħ fija,*
*għall-ewwel darba mitt:*
*għal żmien indfint ħaj mejjet,*
*għal żmien mill-għana skitt.*

"Dawk il-lebbrużi, x'se jagħmlu mingħajri," kien igħid lil martu. "X'se jagħmlu meta mmut jien?" Ma waqaf qatt. Meta martu bdiet taraħ sejjer lura, jinstilet, jinża' l-laħam, jisfa' fix-xejn, jegħja, meta ratu ma jiflaħx aktar riedet kieku traġġa' l-morda lura minn wara biebu. Dan kien l-aħħar pass iddisprat, iżda Rużar waqfilha. "Le, f'dan ma tindaħallix," kien qalilha. "Lill-morda ma nibdilhom ma' ħadd—jien naf x'jiġifieri, issa, li wieħed ikun irid tabib..."

Martu kienet twasslu sa' l-isptar bil-karrozza, ta' kull filgħodu, u b'għafsa ta' qalb taraħ dieħel, għajjien u qalbu sewda, biex jieħu ħsieb il-morda. Spiċċat biex tmur miegħu hija nfisha sa fil-klinika, saret in-"nurse" tiegħu. Rużar ma kienx jiflaħ jitkellem, u, biex isserrħu kienet tagħmel il-mistoqsijiet hi lill-morda. Hu kien jisma' tweġibhom, jeżaminahom, u jiktbilhom il-kura.

Sadattant, il-marda, anki psikoloġikament, kienet tagħmel bih bl-ikraħ. Beda jaqta' jiesu. F'lirika oħra, mhux ta' valur kbir, li ispiratlu l-Barrakka ta' Fuq f'dawn l-aħħar żmenijiet, kiteb :

*Jien nitla' l-Barrakka
*Ħa nfittex ftit mistrieħ—*
*Jew nitla' l-Barrakka*
*Għax naf li qed nixjieħ?*

*Ara paġna 55.

Kurjuża fi Briffa l-ossessjoni tiegħu fuq ix-xjuħija, kurjuża u tolqtok aktar u aktar għax, b'dak in-natural tiegħu, serju u kiebi, kont titħajjar tgħid li xjieħ qabel il-waqt.

Sa minn żgħoritu, fl-1928, meta kien għadu żagħżugħ ta' 22 sena, kiteb f'"Deżolazzjoni":

*Il-għanja bla mistrieħ*
*Ta' min jaf illi tilef*
*U qabel kiber xjieħ..."*

Żagħżugħ fis-snin, imma xiħ fit-tigrib. Iżda mbagħad iltaqa' mal-mara li ferrħitlu t-tieni nofs ta' ħajtu, Louisette Attard Bajona, u fl-1956 kiteb "Lil Annabella":

*Ha jkun ix-xagħ'r bajdani,*
*Ha tkun il-kisra tal-għajnejn għajjiena;*
*Irridek ħdejja...*
*Idejk irrid f'idejja...*
*U l-għana li għannejt tul iż-żgħorija*
*Jien nibqa' ngħannik miegħek*
*Fix-xjuħija.*

L-imħabba għamlitu żagħżugħ mill-ġdid, imma jaħasra, għaddew ftit snin, u xejħitu l-marda. Darbtejn, fil-lirika li kiteb fl-aħħar żmien ta' ħajtu, xiħ żagħżugħ ta' 57, jilmenta mix-xjuħija: "Il-qalb xiħa u għajjiena," u għal darb'oħra, "naf li qed nixjieħ".

Rużar Briffa ma riedx jieqaf, ma riedx jitlaq għal rajhom lill-morda tiegħu, imma sadattant kien jedha jaħseb fiż-żmien ta' serħan li kien riesaq. Hekk kif kien ikun bilqiegħda ma' martu l-Cafè Premier kien joqgħod igħidilha kif kienu sejrin iqattgħu s-snin li ġejjin, kemm kienu ser isiefru. U kien igħidilha, "Għad tarani npaċpaċ hemm, magħhom..." u juriha lil dawk li kien ikun hemm fuq l-għatba tal-Każin Malti. Imma saħansitra hawn donnu ma kienx moħħu mistrieħ, ma ssugrax iħalli lilu nnifsu jitħallem, il-ħajja kienet għamlet wisq bih. Hawn huma żewġ strofi li kiteb fis-17 ta' Lulju ta' l-1961 fuq manifestin roża ta' ditta li timporta l-mediċinali Midy fil-Brażil, u semmihom: "Il-Każin Malti":

** Fuq l-għatba tal-"Każin"*
*Salt xjuħ fix-xemx weqfin,*
***Iħarsu lejn iż-żgħażagħ***
*Bil-għaġla għaddejjin.*

*M'hemmx ħolm għall-għajjenin,*
*Fuq l-għatba tal-"Każin"*
*Fi żmienhom mexxew Malta*
*Imm'issa minsijin.*

Minn hawn, minn dan it-tħassib, minn din it-telqa passiva ta' min hu qalbu maqtugħa u rassenjat, mis-*self-pity* li taħkem lill-bniedem, meta, ikkundannat, jibki lil xortih u lilu nnifsu, forsi nibtu ftit versi mhux mitmuma, li Briffa semma "X-Ray Clinic". Ma jġibux data, imma naf li kitibhom ftit wara li mess lilu t-tħassib u qtugħ-il-qalb ta' dawk li jkunu jistennew b'qalbhom ittaqtaq il-verdett tal-X-Ray. Mill-appartament tiegħu f'*Vincenti Buildings*, fi Strait Street, kien jara n-nies dieħla fil-klinika ta' l-*X-Ray* li kellu biswitu, u mindu marad dan kien beda jagħmel bih. Minn hawn forsi ġejja wkoll il-lirika sentimentali "Vjolin Marid", fejn jitħassar ix-xorti ta' vjolinist magħruf, li fiż-żmien ħadlu b'idu sultan u diva bisitu, u l-lum—

**Il-lum...*
*Klement vjolinista*
*Fi triq il-baħrin,*
*Klement il-pupletku*
*Iħanxer vjolin.*

Fost bċejjeċ oħra f'dawn il-manuskritti li għandi f'idejja, hemm lirika f'vers liberu dwar il-miġja ta' San Pawl f'Malta* li Rużar ħalla bla isem u bla data; hemm l-oħra mhux mitmuma, u anqas mirquma, jisimha "Barrakka ta' Fuq", b'varjazzjoni ta' l-ewwel strofa, u b'sitt versi flok erbgħa fl-aħħar strofa.

Hemm ukoll żewġ strofi ta' tliet versi l-waħda, forsi mitmuma u forsi le—imma joqogħdu tajjeb kif inhuma, bla data wkoll, "Il-Ħmar". Aktarx li dawn iż-żewġ strofi huma t-tribut ta' Rużar Briffa lill-poeta li tant kien iħobb għall-umiltà tiegħu, Trilussa. Tabilħaqq, kien wara li l-kunjata tiegħu, is-sinjura Wanda Fiorini ikkwotatlu "Il Porco in Socjetà," li huwa kitibhom, u fihom żamm il-ħsieb ta' Trilussa.

*Ara paġna 53.

Ma nixtieqx nagħlaq bla ma nagħmel xi riferenza għal bosta versi oħra li ħalla Rużar Briffa, x'uħud minnhom mitluqin kif ħarġu mill-ewwel ispirazzjoni, oħrajn mibdija u mhux mitmuma, u oħrajn xejn aktar minn tentativi (Ara *Leħen il-Malti*, 1963, Numru Speċjali) kollha miktubin mindu ħareġ il-ktieb tiegħu, POEŻIJI, fejn kien ġabar dak li kiteb sa Lulju ta' l-1960. Minn dawn inħajjarkom taqraw "Esperiment" fil-Poeżija Moderna". Naħseb li kieku kellu jagħti dedika lil dik il-poeżija kien jiddedikaha lill-"marid". Kitibha l-Barrakka ta' Fuq f'Settembru li għadda, meta tmiemu kien qed joqrob. Fiha jrid jinsa, u jħajjar lil min jinsa dak li huwa l-lum; sejjer lejn il-ġejjieni, imma minn fejn ma jiġux nies—.

*Ejja, ħi, 'l hawn*
*Gib idejk ġewwa jdejja*
*Imxi ħdejja...*
*Ha mmorru lejn Bu Fies*
*Minn fejn ma jiġux nies.*

U kemm hu rassenjat:

*La naslu ġo Bu Fies*
*Nibqgħu hemmhekk man-nies*
*Li ċaħdu l-Fama u l-Għana*

*u l-lussu ta' l-Ilbies.*
*Għidli, Ccmarade,*
*Trid terġa' lura?*

Darbtejn, fi bċejjeċ mhux mitmuma, fi-1961, itenni l-ftuħ tal-"Għanja ta' l-Imnikket" (1943), "Oh Madonna tad-Duluri", u jerġa' darb'oħra fl-ewwel abbozz ta' lirika bla data.

F'"Ecce Homo", aktarx ta' l-1957, itenni l-ilment fuq ix-xjuħija, kważi jtenni l-ħsieb ta' "Deżolazzjoni"—

.....................

*Iż-żlieġa tweġġa' ta' min jaf li xjieħ*
*Fl-aħjar ta' ħajtu.*

Issib ukoll xi vrus li żgur li huma l-ewwel ħjilijiet, l-ewwel tentativi, li Briffa ħalla jixxettlu f'moħħu, sakemm fl-aħħar nib-

tet "Il-Ballatella tal-Funtana", aktar minn sena wara.

F'lirika espressiva u qawwija, "Dawl l-Eternità" (1960) jaqta' jiesu mid-dawl ta' din l-art—

*Daqsxejn ta' Bomba Atomika*
*U d-dawl ma' kullimkien*
*U fuq id-dinja l-ħerba*
*U fuq palazzi għall-bnedmin*
*Il-ħofra tal-firien'.*

imma jittama fid-dawl t'Alla—

*Iżd'hemm il-kelma Eterna*
*Li tiddi kull żmien*
*Tiddi bla ebda fiżika*
*Fuq l-univers għajjien.*

Nagħlaq b'żewġ stanzi minn poeżija ta' ħames kwartini bla isem, ta' Ottubru ta' l-1960—

*Il-bieraħ kont imdejjaq*
*Fi knisja żgħira nħbejt*
*Fid-dlam u fis-skiet għeri*
*Id-dieq tal-ħajja nsejt.*

*Stħajjiltni li f'ġuf ommi*
*Għall-kenn u l-benna dħalt*
*U minn tant dmugħ u niket*
*Jien sibt is-serħan f'salt.*

Sejjer intemm bihom, għax huma l-kliem ta' poeta maħkum mill-bidu tal-marda li kellha twasslu fil-qabar, ta' bniedem li qatt ma fittex kobor jew popolarità, iżda baqa' dejjem għalih waħdu, bniedem ta' ftit kliem u ftit ħbieb, imwarrab mis-soċjetà; ta' raġel għajjien, mikdud u disilluż li fittex il-paċi bogħod mill-għagħa u mill-ħamba, u sfog fil-lirika li ħallielna b'wirt prezzjuż.